**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1212/2018 AF**

**L-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjetà kummercjali Volineos Limited (C-79373)**

**vs**

**Illas Grigoriadis Societe Anonyme of Hotels Tourism and Commerce irregistrata bhala kumpanija kummercjali fil-Grecja bin-numru ta' registrazzjoni GEMH 124267924000**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Volineos Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà esponenti kienet giet inkarigata mis-socjetà intimata sabiex tipprovdilha servizzi professjonali in konnessjoni mal-propost zvilupp ta' lukanda fuq sit illi jinsab il-Grecja, specifikament – *'computer aided conceptual design and composition of a hotel chain complex consisted of approximately 1,700m² main spaces, 800m² basements, 800m² pools, 400m² semi-outdoor spaces and 5,500 surrounding outdoor space and 5,500 surrounding outdoor space and garden'* – u dan ghall-prezz globali ta' mitt elf Ewro (€100,000), kollox kif jirrizulta mill-kuntratt illi sar bejn il-partijiet premessi fil-11 ta' Dicembru 2017 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A).

In segwitu ghall-ftehim surriferit is-socjetà esponenti bdiet twettaq l-inkarigu lilha fdat kif fuq premess, b'dan illi matul il-kors tax-xogholijiet hija kienet qieghda zzomm komunikazzjoni regolari u konsistenti mas-socjetà intimata u kienet qeghda tibghat ukoll id-disinni illi kienu qeghdin jigu minnha redatti skond l-imsemmi ftehim lir-rapprezentant tal-istess socjetà intimata.

Fil-5 ta' Frar 2018 twettaq pagament akkont mis-socjetà intimata favur is-socjetà esponenti fl-ammont ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), kif jirrizulta mill-fattura u l-avviz relattiv illi t-tnejn qeghdin jigu hawn annessi u flimkien immarkati bhala Dok. B.

Ix-xoghol illi kienet inkarigata twettaq is-socjetà esponenti kif fuq premess, u inkluz emendi varji illi ntalbu mis-socjetà intimata matul il-kors tax-xogholijiet, tlestew f'Mejju 2018 u d-disinni relattivi kienu gew hekk mghoddija lill-imsemmija socjetà intimata – kollox kif ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Is-socjetà intimata sussegwentement utilizzat id-disinni redatti mis-socjetà esponenti sabiex tottjeni l-permessi relattiv ghall-izvilupp tal-lukanda mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-Grecja (maghrufa bhala 'Urban Planning Authority of Zakynthos'), b'dan illi l-izvilupp *de quo* illum jinsab approvat a bazi tal-istess disinni.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas – kemm verbali u kif ukoll permezz ta' korrispondenza – tal-bilanc fl-ammont ta' tmenin elf Ewro (€80,000) dovut lis-socjetà esponenti minghand is-socjetà intimata skond il-kuntratt tal-11 ta' Dicembru 2017, l-istess socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà esponenti fl-ammont ta' tmenin elf Ewro (€80,000), rapprezentanti l-bilanc dovut mill-prezz ta 'servizzi professjonali rezi lill-istess socjetà intimata skond il-ftehim vigenti bejn il-partijiet permessi datat il-11 ta' Dicembru 2017; u

2. Tordna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà esponenti s-somma ta' tmenin elf Ewro (€80,000).

Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà intimata illi rapprezentanti taghha huma minn issa rispettivament ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontriha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas għal servizzi professjonali reżi. Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet inkarigat lis-soċjetà attriċi sabiex tipprovdi s-

servizzi tagħha in konnessjoni mal-propost żvilupp ta' lukanda ġewwa l-Ġreċja.

Il-partijiet kienu ffirmaw kuntratt nhar il-11 ta' Diċembru 2017 li permezz tiegħu ftehmu *inter alia* li l-attriċi tippresta servizzi ta' '*Computer aided conceptual design and composition of a hotel chain complex consisted* (recte) *of approximately 1,700 m$^2$ main spaces, 800 m$^2$ basements, 800 m$^2$ pools, 400m$^2$ semi-outdoor spaces and garden.*' Ġie miftiehem ukoll li għal dan ix-xogħol il-konvenuta tħallas is-somma ta' €100,000.

L-attriċi tikkontendi li hija wettqet l-inkarigu mogħti lilha u filwaqt illi l-konvenuta kienet ħallset is-somma ta' €20,000 akkont fil-5 ta' Frar 2018, qiegħda tirrifjuta tħallas il-bilanċ ta' €80,000.

Jirriżulta li l-konvenuta, minkejja li debitament notifikata bl-atti tal-kawża, ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et, deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri li '*... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*.'

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, tat-30 ta' Novembru 2015 qalet hekk:

> "*L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara: App. Kumm. - 21.5.1993 – "**<u>Vella pro et noe vs Vella</u>**" (**<u>Kollez. Vol. LXXVII.ii.170</u>**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib*

*maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosità tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta' konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-attur noe, ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiskarta l-verżjoni tiegħu.

Ioannis Kyratsous, direttur ta' Volineos Limited, jispjega permezz tal-affidavit tiegħu li x-xogħol li kienet inkarigata tagħmel il-kumpannija tiegħu, inkluż numru ta' emendi li ġew mitluba, tlestew f'Mejju tal-2018 u kollox ġie mgħoddi lill-konvenuta. Kopja tad-dokumentazzjoni kollha rilevanti jinsabu esibiti fl-atti.

Ix-xhud jispjega wkoll li wara rriżultalu li fil-fatt, il-konvenuta utilizzat ix-xogħol ossia d-disinni li ħejjiet l-attriċi sabiex tikseb il-permess għall-iżvilupp tal-kumpless tal-lukanda mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar tal-Ġreċja u dan l-iżvilupp fil-fatt ġie approvat abbażi tad-disinni li għamlet l-attriċi.

Il-konvenuta kienet inkarigat ukoll lil ċertu Georgia Paraskevopoulou bħala inġinier ċivili sabiex tippresta s-servizzi tagħha in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp tal-proġett in kwistjoni. Din xehdet permezz ta' affidavit fejn spjegat illi hija wkoll baqgħet ma tħallsitx ta' xogħolha.

Jirriżulta li l-konvenuta bagħtet żewġ ittri extra ġudizzjarja lill-attriċi u lil Georgia Paraskevopoulou, notifikati lilhom fil-21 ta' Mejju 2018 u fis-27 ta' Lulju 2018, fejn għamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom speċifikament li x-xogħol li kienu għamlu ma kienx kif miftiehem u li sar xogħol ħażin jew ma kienx komplut u li allura l-konvenuta ma setgħetx iġġib il-permessi meħtieġa għall-iżvilupp tal-proġett. Il-konvenuta riedet għalhekk li tittermina unilateralment il-kuntratti li ffirmat mal-attriċi u mal-inġinier ċivili.

Fit-tieni ittra tagħha, il-konvenuta saħansitra allegat illi l-attriċi ma kienet għamlet l-ebda xogħol hi għaliex ix-xogħol kollu li kienet bagħtet kien fil-fatt tal-inġinier ċivili. Kemm l-attriċi u kif ukoll Georgia Paraskevopoulou rribattew li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta kienu infondati.

Madanakollu, u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-Qorti tqis illi l-attriċi wettqet l-inkarigu mogħti lilha b'diliġenza u li x-xogħol intbagħat komplut u fil-ħin tant illi x-xogħol tal-attriċi kien il-bażi tal-applikazzjoni tal-konvenuta għall-ksib tal-permess għall-iżvilupp tal-proġett.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, bl-imgħax minn dak inhar tan-notifika tar-rikors ġuramentat lis-soċjetà konvenuta.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG